**11 ta' April, 1959**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

John Caruana

**Traffiku — Char-a-Banc — Sospensjoni tal-Liċenza tas-Sewqan — "Special Reasons" — Art. 145 tar-Regolamenti tat-Traffiku.**

*Ir-responsabbiltà għall-kontravvenzjoni konsistenti fit-tagħbija f'char-a-banc ta' numru ta' passiġġieri akbar minn dak permess għal dak ix-char-a-banc hija tant tad-driver kemm ukoll tal-konduttur.*

*Il-fatt li driver ikun għabba numru ta' passiġġieri żejda biex ma jħallix nies l-art hu mezz ta' difiża azzardat, biex wieħed jgħid l-anqas, għax hu azzardat li wieħed iġib bħala "special reason" biex tiġi lilu mnaqqsa s-sospensjoni tal-liċenza tas-sewqan il-kommissjoni stess tar-reat. Lanqas il-"hardship" finanzjarju ma jiswa bħala "special reason"*

*f'materja ta' sospensjoni tal-liċenza tas-sewqan. Ir-raġuni trid tkun speċjali għar-reat stess, u mhux kwantu għall-persuna.*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra John Caruana quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta talli Ħal-Qormi, fit-28 ta' Jannar 1959, f'xi s-6.30 a.m., waqt li kien jaħdem ta' driver fix-char-a-banc 2708, għabba numru ta' passiġġieri aktar milli għandu stabbilit fil-liċenza, u għall-daqstant il-Prosekuzzjoni talbet is-sospensjoni tal-liċenzi kollha tiegħu tas-sewqan;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tas-6 ta' Frar 1959, li biha sabitu ħati u kkundannatu għall-piena ta' £2 ammenda, u għas-sospensjoni tal-liċenzi tas-sewqan għal tmien tijiem;

Rat ir-rikors li bih l-imputat appella, u talab li s-sentenza tiġi revokata, u li hu jiġi liberat;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Il-motivi ta' dan l-appell huma għal kollox infondati;

L-ewwel motiv hu li r-responsabbiltà għal kontravvenzjoni simili hi tal-konduttur, u mhux tad-driver. Milli jidher id-difensur nesa' r-regolament 45 tat-Traffic Regulations li jgħid:— "The driver and conductor of a motor omnibus shall be held responsable that the number of passengers allotted to the omnibus be not exceeded";

It-tieni motiv hu li l-imputat telaq b'passiġġieri żejda biex ma jħallix oħrajn, impjegati tal-Poor House, jibqgħu l-art. Din hi linea ta' trasport għall-Poor House, u n-nies iħallsu bħal passiġġieri ta' linji oħra. L-imputat ma kellu ebda dritt jarbitra u jieħu l-liġi f'idejh, u jgħabbi żbatax bil-wieqfa f'lok tmienja; imma kellu, kif hu jaf ben tajjeb, josserva l-liġi;

It-tielet motiv, subordinat, hu li hemm "special reasons" għat-tneħħija tal-piena tal-iskwalifika. Li-"special reasons" huma, skond id-difiża, il-fatt li l-appellant għabba ż-żejjed biex ma jħallix nies l-art. Hu azzardat, biex wieħed jgħid l-anqas, li tiġi addotta bħala "special reason" il-kommissjoni stess tar-reat. Issemmiet ukoll irraġuni tal-"hardship" finanzjarju tal-appellant bħala konsegwenza tal-iskwalifika. Din il-Qorti qalet kemm il-darba, fuq l-awtorità tal-ġurisprudenza ngliża in propożitu, u bissaħħa tar-raġunijiet li nfurmaw dik il-ġurisprudenza, u li din il-Qorti taqbel magħhom, li l-possibbiltà ta' financial hardship" ma tistax titqies "special reason" (ara Whittall v. Kirby, ċitata paġ. 9 tal-ktieb "Special Reasons" ta' Blake Cara, 1951 edition). Ir-raġuni jeħtieġ li tkun speċjali kwantu għar-reat stess, u mhux kwantu għall-persuna (Appell Kriminali "Pulizija vs. Attard", 15. 11. 1958);

Dan l-appell ma kienx hemm loku;

Għalhekk tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Il-perijodu tal-iskwalifika jibda jgħodd minn nhar it-Tnejn, 13 ta' April 1959. U peress li l-appell hu temerarju, il-Qorti, wara li rat l-artikolu 441 (2) Kap. 12 tikkundanna lill-appellant ammenda addizzjonali ta' £3.